MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 1014/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Helen Gatt**

**Illum 30 ta' Settembru tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputata Helen Gatt, ta' sitta u erbghin (46) sena, bint Salvu u Anna nee' Gauci, mwielda l-Pieta' nhar l-14 ta' Mejju 1964, minghajr indirizz fiss u detentrici ta' karta tal-Identita' numru 265364(M).

Talli nhar it-28 t' Awwissu 2010, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs), f`dawn il-Gzejjer approprjajt ruhhek, billi dawwret bi profit ghalik jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Antonia Cassar maghrufa ukoll bil-kunjom ta' Garrett u/jew persuni ohra, u dan ai termini ta' l-artikoli 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b`qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b`ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe` ta' Antonia Cassar maghrufa ukoll bil-kunjom ta' Garrett u/jew persuni ohra, u dan ai termini ta' l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, u cioe Antonia Cassar maghrufa ukoll bil-kunjom ta' Garrett u/jew persuni ohra, ghamilt qliegh iehor b`qerq, mhux msemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, u dan ai termini ta' l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata;

Issibha hatja;

Semghet lill-imputata tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' htija precedenti;

Rat l-art. 293, 308 u 309 tal-Kap 9 u tikkundannha ghall-piena ta' sitt xhur (6) prigunerija u dan, anke wara li rat l-art. 17(b) tal-istess Kap.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------